

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-20 ta' Jannar 2015 (Każ R 1752/2014-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali SOCIAL.COM bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *salesforce.com, Inc.* hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 171, 26.5.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2016 – Marcuccio vs L-Unjoni Ewropea

(Kawża T-409/14) ⁽¹⁾

(“Rikors għad-danni — Rikorrent li waqaf iwieġeb għat-talbiet tal-Qorti Ġenerali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2016/C 287/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: L-Unjoni Ewropea, irrapreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Placco, sussegwentement J. Inghelram, P. Giusta u L. Tonini Alabiso, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrent minħabba t-tul tal-proċedura fil-Kawżi T-236/02, C-59/06 P u C-617/11 P.

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li tat lok għad-digriet tad-9 ta' Jannar 2015, Marcuccio vs L-Unjoni Ewropea (T-409/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:18).*
- 3) *Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u dawk sostnuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kumpliment.*

⁽¹⁾ ĠU C 245, 28.7.2014